MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1026/2008

**Joseph Ellul bħala mandatarju speċjali ta' l-assenti Adrian Ellul.**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-9 ta' Ottubru, 2008 li permezz tiegħu l-attur Joseph Ellul fil-kwalita' tiegħu premessa espona bir-rispett:

1. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-assenti Adrian Ellul li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 1039 tas-sena 1947 hemm indikat fit-tielet kolonna ta' l-istess, taħt l-intestatura 'Isem il-Wild' l-isem ta' 'Adrian' – Dok. A;

2. Illi l-assenti Adrian Ellul dejjem uża l-isem ta' 'Adrien' u l-familja tiegħu dejjem użaw għalih l-isem ta' 'Adrien' skond kif jirriżulta mill-annessa dokumentazzjoni;

3. Illi l-isem ta' 'Adrien' u mhux dak ta' 'Adrian' huwa fil-fatt l-isem li bih l-assenti Adrian Ellul kien konsistentement magħruf u msejjaħ;

4. Illi l-assenti Adrian Ellul għandu tifla mwielda f'Malta bl-isem ta' Tara u fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imsemmija tifla li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 4651 tas-sena 1974 hemm imniżżel illi l-isem tal-missier huwa dak ta' 'Adrian' – Dok. H;

5. Illi l-assenti Adrian Ellul jixtieq li l-eventwali tibdil effettivat fl-att tat-twelid tiegħu jiġi wkoll reġistrat u rifless mhux biss f'kull att ta' l-istat ċivili relattiv għalih iżda wkoll fl-atti tat-twelid ta' bintu u dan kif dispost fl-Artiklu 253(3) tal-Kapitlu 16;

6. Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment;

7. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(1) Tiddikjara illi l-assenti Adrian Ellul huwa magħruf konsistentement bl-isem ta' 'Adrien' u mhux 'Adrian';

(2) Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-assenti Adrian Ellul li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 1039 tas-sena 1947 billi fit-tielet kolonna taħt l-intestatura 'Isem il-Wild' jitħassar l-isem 'Adrian' u minflok jiġi reġistrat l-isem 'Adrien';

(3) Tordna li dan it-tibdil fl-isem ta' l-assenti Adrian Ellul jiġi rifless f'kull att ta' l-istat ċivili relattiv għall-istess assenti Adrian Ellul b'mod illi għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi isem l-assenti Adrian Ellul ikun 'Adrien' u mhux 'Adrian';

(4) Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru ta’ reġistrazzjoni 4651 tas-sena 1974 billi fil-ħames kolonna taħt l-intestatura ‘Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier’ fejn l-isem tal-missier huwa ndikat bħala ‘Adrian’ dan jitħassar u minflok jiġi reġistrat l-isem ‘Adrien’;

(5) Tordna lill-intimat sabiex fi żmien għaxart ijiem minn dakinhar li dawn il-proċeduri jgħaddu in ġudikat jagħmel il-korrezzjoni, tħassir u reġistrazzjonijiet mitluba fiċ-ċertifikati hawn fuq indikati.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li hu minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fit-12 ta’ Novembru, 2008, li permezz tagħha espona bir-rispett:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent m’huwiex edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, pero’ jirrileva li fl-Att tat-twelid li jġib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 1039 tas-sena 1947 jirriżulta li d-dikjarant kien missier ir-rikorrent Renato Ellul filwaqt li fil-każ ta’ l-Att tat-Twelid li jġib in-numru progressiv 4651 tas-sena 1974 id-dikjaranta kienet il-mara tar-rikorrent Daniele Ellul.

2. Illi r-rikorrent għandu jispeċifika jekk hemmx xi Atti ta’ l-Istat Ċivili oħra li jeħtieġ li jiġu korretti *ai termini* ta’ l-Artiklu 253(3) tal-Kapitlu 16 tal-liġijiet ta’ Malta.

3. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-Artiklu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

4. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m’huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta’ l-intimat, li għaldaqstant m’għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta’ l-istanti. L-esponent jirrileva li d-dikjarant fuq l-Atti ta’ l-Istat

Ċivili huma obbligati li jivverifikaw li l-informazzjoni li ddikjaraw u ffirmaw għaliha quddiem l-uffiċċjal pubbliku kienet korretta.

5. Illi l-esponent jinnota li fir-rigward tat-tieni u tar-raba' talba kif dedotti n-numru tal-kolonni u t-titli ta' l-istess għandhom jiġu korretti *stante* li l-korrezzjoni tiġi ordnata li ssir l-ewwel fuq l-Att tat-Twelid u sussegwentement tali korrezzjoni tiġi nkorporata fl-estratt.

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Tant l-esponent għandu x'jissottometti għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat id-diversi dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni *ai termini* ta' l-Artiklu 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li tagħti dritt ta' azzjoni biex jiġi korrett xi att ta' l-istat ċivili ta' persuna.

Jirriżulta li t-talbiet attriċi huma ġustifikati billi sar żball, pero' mhux imputabbli lill-konvenut illi allura m'għandux jeħel spejjeż. L-attur *tramite* d-difensur tiegħu rrimetta ruħu għall-ħames eċċezzjoni ta' l-intimat illi hija ċertament fondata.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, b'dan illi fir-rigward tat-tieni u r-raba' talba l-korrezzjoni għandha ssir fil-kolonni u taħt it-titoli apposti fl-att tat-twelid u mhux dawk ta' l-estratt. L-ispejjeż jitħallsu mill-attur *nomine*.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------